**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH**
**B.A., LL.D., MAG. JUR. (EUR LAW)**

**Rikors Ġuramentat Numru 102/2024 SG**

**Lawrence Borg u Joshuella Bonnici**

**Vs**

**Direttur Reġistru Pubbliku ta' Għawdex**

**Illum, 26 ta' Frar 2025**

**Il-Qorti;**

**Rat** ir-rikors tal-atturi, preżentat fl-14 ta' Novembru 2024, li permezz tiegħu ppremettew illi:

"*Illi l-esponenti kellhom wild li twieldet fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) liema wild ngħatat l-isem ta' Adriana Borg iżda bi żball ġiet imniżżla bħala Adrianna Borg u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid tagħha numru mitejn u tnejn u għoxrin tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (222/2024) liema ċertifikat jinsab anness u mmarkat bħala Dokument "A".*

*Illi dan l-istess ċertifikat huwa afflitt minn żball fis-sens illi fil-kolonna intestata "Isem jew Ismijiet li bih/ bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa u l-kunjom", it-tarbija ġie ndikat skorrettament bħala "Adrianna" meta dan kellu jiġi ndikat bħala "Adriana";*

*Illi r-rikorrenti kif indunaw mill-ewwel għamlu kuntatt mar-Reġistru Pubbliku iżda dawn infurmawhom li biex jiġi mibdul u ssir korrezzjoni bilfors irid ikun hemm ordni tal-Qorti;*

*Illi għaldaqstant hemm lok illi ssir korrezzjoni fl-Att tat-Twelid ta' bint ir-rikorrenti sabiex dan l-iżball jiġi kkoreġut, u huwa għalhekk illi qegħdha ssir din it-talba;*

*Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex din l-Onorabbli Qorti m' għandhiex:*

*1. Tiddikjara illi l-Att tat-Twelid ta' bint l-esponenti u ċioe ta' Adrianna Borg, liema att iġib in-numru progressive mitejn u tnejn u għoxrin tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (222/2024) jikkontjeni żball kif fuq spjegat; u konsegwentement*

*2. Tordna illi l-istess Att ta' Twelid jiġi kkorreġut billi fil-kolonna intestata "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa u kunjom it-tarbija", I-isem "Adrianna" jiġi sostitwit bl-isem "Adriana" u dan ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan biex jiġu evitati kumplikazzjonijiet legali li jistgħu jinqalgħu aktar l'quddiem;*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenut illi huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.*"

**Rat** ir-risposta ġuramentata tad-direttur konvenut illi eċċepixxa:

1. "*Illi preliminarjament għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;*

2. *Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-konvenut jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;*

3. *Illi mill-Att tat-Twelid ta' Adrianna Borg, innumerate 222/2024, jirriżulta illi hija twieldet l-Isptar Ġenerali t'Għawdex fil-21 ta' Ottubru 2024 lil Lawrence Borg u lil Joshualle Bonnici u li "Adrianna" kien iddikjarat bħala l-isem li bih għandha tiġi msejħa;*

4. *Illi kienu l-missier u l-omm it-tarbija li għamlu d-dikjarazzjoni tat-twelid ta' binthom Adrianna u li ddikjaraw kif hija għandha tiġi msejħa. Dan jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid iddetaljat, kopja ta' liema hija annessa mar-rikors ġuramentat u fejn hemm il-firem tal-missier u l-omm li għamlu d-dikjarazzjoni relattiva;*

5. *Illi oltre, qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dok. DRP 1, kopja tad-dokumentazzjoni tan-notifika tat-twelid tat-tarbija kemm tal-Isptar Ġenerali t'Għawdex u dokumentazzjoni tan-notifikat tat-twelid tat-tarbija tal-Aġenzija Identita' fejn juri biċ-ċar li l-isem mogħti lit-tarbija huwa "Adrianna".*

6. *Illi l-bidla jew korrezzjoni ta' isem taħt l-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta m'hijiex xi miżura ordinarja li hija miftuħa għall-inizjattiva diskrezzjonali tal-individwu. Għall-kuntrarju din ix-xorta ta' azzjonij hija miżura straordinarja għal skopijiet pubbliċi intiża esklussivament biex telimina mill-imħuħ tan-nies kull possibilita ta' konfużjoni u diżordni dwar l-identifikazzjoni ta' dak jew dik l-individwu. Kwindi l-awtorizzazzjoni ġudizzjarja ta' bidla fl-isem m'għandhiex tiġi konċessa għaliex ir-rikorrenti sempliċiment jixtiequ jibdlu isem it-tarbija, iżda tali awtorizzazzjoni għandha tingħata biss jekk jirriżulta li din meħtieġa assolutament għall-esiġenza pubblika;*

7. *Illi bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*"

**Rat** id-dokumenti ppreżentati mill-atturi annessi mar-rikors ġuramentat;

Fliet ukoll id-dokumenti ppreżentati matul il-kawża.

**Rat** il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern;

**Semgħet** il-provi;

**Rat** li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-atturi, kif indikat fir-rikors ġuramentat qed jagħmlu din it-talba ai termini tal-Artikoli 256 tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-Artikolu jistipola l-obbligu tad-Direttur Reġistru Pubbliku li għandu jagħmel l-annotazzjonijiet neċessarji sabiex korrezzjoni ordnata mill-Qorti tiġi riflessa fir-reġistru. Il-Qorti ħadet konjizzjoni ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 278A(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u ċioè:

"*Kull persuna tista' titlob lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, permezz ta' dikjarazzjoni ffirmata sottomessa fil-Formula V li tinstab fil-Taqsima II tal-Ewwel Skeda ma' dan il-Kodiċi, biex tagħmel annotazzjoni fl-att ta' twelid tagħha jew fir-Reġistru ta' Persuni Adottati sabiex:*

*(a) tikkoreġi xi varjazzjonijiet żgħar ortografiċi f'isimha;*

*(b) tuża "isem li bih għandha tissemma" li jirriżulta minn xi att ta' stat ċivili ta' dik il-persuna jew minn dokument Malti ta' identifikazzjoni jew passaport. Iżda dan l-att ta' stat ċivili jew dokument Malti ta' identifikazzjoni jew passaport ta' din il-persuna jkunu ġew maħruġa qabel l-1 ta' Diċembru 2012;*

*(ċ)tikkorreġi isimha biex jirrifletti l-ittri dijakritiċi Maltin tal-alfabet Malti.*

*Id-dikjarazzjoni magħmula fuq il-Formula V li tinstab fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda ma' dan il-Kodiċi għandha tkun irrevokabbli u għandha tiġi aċċettata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħlas ta' dritt kif preskritt mill-Ministru responsabbli għar-Reġistru Pubbliku.*

*(4) Jekk id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jippermetti din it-talba, l-annotazzjoni imsemmija hawn fuq, għandha tkun effettiva mill-ġurnata meta jitniżżlu dawk il-modifikazzjonijiet fl-att ta' twelid u "l-estratti" imsemmija fl-artikolu 251 għandhom jindikaw id-dettalji li jirriżultaw minn dawn l-annotazzjonijiet.*

Kif diġà nnutat din il-Qorti jirriżulta mill-atti li d-debita pubblikazzjoni ai termini tal-Artikolu 254 saret.

Illi mill-provi jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-atturi qegħdin jitolbu varjazzjonijiet żgħar ortografiċi f'isem binthom, u li meta talbu lir-Reġistru Pubbliku biex isiru dawn il-varjazzjonijiet, ġew riferuti biex jagħmlu talba lill-Qorti. Dan minkejja li skont il-liġi, talba simili setgħet issir direttament lid-Direttur Reġistru Pubbliku permezz tal-Formula V li tinstab fil-Taqsima II tal-Ewwel Skeda mal-Kodiċi Ċivili.

Fil-każ odjern, il-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrenti effettivament tikkwalifika bħala varjazzjoni żgħira ortografika f'isem bint ir-rikorrenti, u dan peress illi minflok 'Adrianna' kif inhu reġistat isem bint ir-rikorrenti, qed jitolbu li isimha jiġi korrett għal 'Adriana'.

Din il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet tal-atturi huma mistħoqqa u dan għar-raġunijiet già mogħtija.

Inoltre, peress li ma jirriżultax xi tort imputabbli fuq il-konvenut rigwardanti din il-kwistjoni, l-istess konvenut mhuwiex ser jiġi akkollat l-ebda responsabbilità għall-ispejjeż ta' din il-kawża.

## **DECIDE**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-atturi u:

i. Tiddikjara illi l-Att tat-Twelid ta' Adrianna Borg, liema att iġib in-numru progressiv mitejn u tnejn u għoxrin tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (222/2024) fih żball;

ii. Tordna għaldaqstant li dan l-istess Att ta' Twelid jiġi kkorreġut billi fil-kolonna intestata "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa u kunjom it-tarbija", l-isem "Adrianna" jiġi sostitwit bl-isem "Adriana".

L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-atturi.

Moqrija.

**(ft) Dr Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**